

# News Releases



# Vetturi bil-Mutur: It-Tieni Kwart tal-2023

NR137/2023 Data tal-Ħruġ: 31 ta' Lulju 2023

*Fit-tieni kwart tal-2023, l-istokk tal-vetturi bil-mutur bil-liċenzja żdied b'5,319 fuq it-tliet xhur ta' qabel.*



Fi tmiem Ġunju 2023, l-istokk tal-vetturi lliċenzjati laħħaq l-432,039. Minn dan l-għadd, 74.2 fil-mija kienu karrozzi tal-passiġġieri, 14.2 fil-mija kienu vetturi kummerċjali jew agrikoli u 11.0 fil-mija kienu muturi/roti megħjunin b'enerġija elettrika, scooters li jitħaddmu bl-elettriku, muturi b'erba' roti, u ATVs. Ix-xarabanks u l-minibuses ammontaw għal anqas minn wieħed fil-mija (Tabella nru 1). Fit-tliet xhur mitqiesa minn din l-istqarrija, l-istokk tal-vetturi lliċenzjati żdied b'rata medja netta ta' 58 vettura kuljum (Ċart nru 2).

**Vetturi li ngħataw liċenzja ġdida**

Fiż-żmien li qed jiġi mifli f'din l-istqarrija, 7,476 vettura ngħataw liċenzja ġdida. Il-maġġoranza tagħhom, 4,160 jew 55.6 fil-mija tat-total, kienu karrozzi tal-passiġġieri. Warajhom ġew il-muturi/roti megħjunin b'enerġija elettrika b'1,335 jew 17.9 fil-mija. Il-vetturi 'ġodda' li ngħataw liċenzja ġdida laħqu il-5,009 jew 67.0 fil-mija tal-għadd sħiħ, mentri l-vetturi 'wżati' li ngħataw liċenzja ġdida kienu jgħoddu 2,467 jew 33.0 fil-mija (Tabelli nri 2-4). Medja ta' 82 vettura ngħataw liċenzja ġdida kuljum fit-tieni kwart tal-2023 (Ċart nru 3).

**Vetturi b'restrizzjoni**

Tul it-tieni kwart tal-2023, kien hemm 6,341 vettura li tneħħew mit-triq minħabba xi restrizzjoni. Fosthom, 37.0 fil-mija kienu ggaraxxjati, 34.6 fil-mija kienu mibjugħin mill-ġdid, filwaqt li 26.0 fil-mija kienu skrappjati. L-għadd ta' vetturi li kellhom ir-restrizzjonijiet mtemmin fl-istess żmien kien ilaħħaq l-4,364. Il-biċċa l-kbira tagħhom kienu ggaraxxjati (51.2 fil-mija) jew mibjugħin mill-ġdid (48.1 fil-mija) (Tabelli nri 5-6).

**Għamla ta' magna**

Fl-aħħar ta' Ġunju tal-2023, 252,197 jew 58.4 fil-mija tal-vetturi kollha kienu jitħaddmu b'magni petrol. Il-vetturi li jitħaddmu b'magni diżil kienu jammontaw għal 156,392 jew 36.2 fil-mija tat-total. Vetturi oħrajn li jitħaddmu b'magni tal-elettriku u bl-elettriku u fjuwil ieħor kienu jġibu 3.3 fil-mija tal-istokk kollu u jienu jgħoddu 14,336 vettura. Meta mqabblin mat-tliet xhur ta' qabel, żidiet ta' 40.9 fil-mija, 17.8 fil-mija, u 13.3 fil-mija kienu rreġistrati fl-għadd ta' vetturi li jitħaddmu bid-diżil u l-LPG, bl-elettriku, u bid-diżil u l-elettriku, rispettivament (Tabella nru 7).

## Ċart nru 1. L-istokk tal-vetturi bil-liċenzja, biż-żmien




## Ċart nru 2. It-tibdil medju ta' kuljum fl-istokk tal-vetturi bil-liċenzja

Kull tliet xhur




Nota: Iċ-ċifri murija fiċ-ċart ta' fuq huma maħduma bil-formula ta' nota nru 9 tal-metodoloġija. Dawn jistgħu jvarjaw xi ftit mit-tibdil miksub mill-formula murija f'nota nru 8 tal-metodoloġija minħabba d-dati tal-għeluq ta' databases differenti.

## Ċart nru 3. Medja ta' vetturi 'ġodda' u vetturi 'wżati' li kuljum ingħataw liċenzja ġdida

Kull tliet xhur

